# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1187

Kaz Nru. 1310

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mark Schembri

u

JM Supplies Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 30 ta' Marzu, 2001

**CHAIRMAN : DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.**

## INTRODUZZJONI

Illi b'ittra datata 22 ta' Jannar 1999, l-appellant kiteb lill-Onor. Ministru ghall-Politika Socjali sabiex jirreferi l-kaz tieghu dwar allegata tkeccija ngusta lit-Tribunal Industrijali, liema riferenza saret tramite ittra datata 29 ta' Jannar, 1999.

## DIKJARAZZJONI TAL-KAZ

L-APPELLANT : huwa jallega li kien impjegat mas-socjeta' intimata bhala sales manager b'salarju mensili ta'

Lm708.34. Skond ETC Form, gie allegat li rrizenja mix-xoghol mentri huwa tkecca tant li ma ffirmahiex.

SOCJETA' INTIMATA : din tallega li l-appellant irrizenja *di sua sponte*. Pero' talab u gie offrut lilu mpjieg alternattiv izda ma qablux fuq il-kundizzjonijiet.

**XHIEDA**

L-appellant xehed fis-seduti tas-16 ta' April 1999, 28 ta' Mejju, 1999 u 16 ta' Lulju 1999. Id-diretturi tas-socjeta' intimata cioe' Glorianne Micallef u Jesmond Micallef, xehdu fis-seduti tas-16 ta' Lulju 1999, 24 ta' Settembru 1999, 15 ta' Ottubru 1999, 12 ta' Novembru 1999 u 18 ta' Frar, 2000. Il-verzjonijiet moghtija miz-zewg partijiet huwa totalment kontro-posti ghal xulxin. Ghalkemm hemm qbil dwar l-incident li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg, pero' l-interpretazzjoni tal-*fattispecie* tieghu u l-konkluzjoni tieghu huma pjuttost divergenti. Parti tallega *lui* giet moghtija r-rizenja, parti tghid li sfat imkeccija.

Illi l-famuzi kliem *"I resign"* gew mismugha minn Charlo Dimech, Alfred Zammit u Pierre Muscat (vide xhieda tal-10 ta' Marzu, 2000 u 5 ta' Mejju, 2000. Dawn it-tlett ex-kollegi tal-appellant semghuhom fis-sahna tal-mument tal-argument.

Illi gie nvolut klijenti tas-socjeta' intimata, Charles Mizzi u Estelle Inguanez, u Nicky Camilleri tar-Repro - dawn xehdu fis-7 ta' Lulju, 2000. Andrew Camilleri u Frangelica Camilleri, prodotti mill-appellant, xehdu fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2000. Dawn kollha ndikaw il-

fatti tal-incident li sploda f'jumejn disturbanti ghal partijiet koncernati.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi gie ripetutament ribadit minn dan it-Tribunal illi il-post tax-xoghol huwa sagrosant ghal haddiem bil-korollari ovvja li dan ghandu jiehu hsieb l-istess xoghol. Meta l-haddiem jaghzel li jirrinunzja ghal tali post ta' xoghol, ghandhu jigi stabbilit u puntwalizzat li tali rinunzja tkun wahda *lucida*, espressjoni libera ta' ghazla, b'mod piu' che volontarja, liema decizjoni tkun mehuda b'affjatament responsabbli tal-konsegwenzi li ggib tali decizjoni minghajr influwenzi esterni, sia pozittivi sia negattivi li jistghu jimpingju fuq tali decizjoni. Dawn l-elementi hekk necessarji sabiex ikun hemm tali konvinciment ma jissustistux fil-kaz odjern. Hamsa minn nies jallegaw li l-appellant stqarr iz-zewg kelmiet hekk kalamituzi f'mument ta' konflagrazzjoni waqt diskussjoni shuna, inizjat wara battibekk ma' provveditur tas-socjeta' intimata.

Aktar minn hekk u hawn hi disturbanti, l-appellant rega' talab impjieg fl-iqsar zmien possibbli mal-ex-principal tieghu. Gie offert pakkett ta' kondizzjonijiet ta' xoghol anqas milli kellu qabel. Daqshekk kienet ghal qalbu dik is-socjeta' tant li kien dispost joqghod ghal inqas? Dana huwa ragunament ta' persuna li ma tafx xi trid. Jaghmel sens socjetarju jew lavorattiv li bniedem ta' certu kariga jirrizenja, jitlob ix-xoghol lura u jigi offert kariga u salarju anqas? Il-konkluzzjoni mhux wahda naturali ghal premessi *antecedenti*. Ma tezisti l-ebda logika li fuqha t-Tribunal ikun jista' jasal ghal konkluzjoni *sensata*.

Illi huwa *lampanti* li l-incident gie *gigantit* inutilment, il-fatti tieghu grew b'kulhadd, u l-principal hataf l-okkazzjoni. Ma kelliex tigi migbuda dik il-konkluzjoni hekk *frettament*.

**KONKLUZZJONI**

Illi dan it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg ma kenitx wahda gusta. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-impjieg, id-durata u s-salarju, l-appellant sab xoghol alternattiv u mhux opportun *re-instatement*, jigi ffissat kumpens fl-ammont ta' elfejn lira maltija (Lm2,000).

Ghal fini ta' tassazzjoni ta' drittijiet, din qed tigi ffissata fl-ammont ta' erbghin lira maltija (Lm40).

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol qed tigi definittivament terminata.

**DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.**
**CHAIRMAN**